MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-28 ta' Ottubru, 2009

Citazzjoni Numru. 88/2008

**A B C**
**vs**
**D B C**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attrici ppremettiet u tBbet:

1. Illi l-partijiet inghaqdu fiz-zwieg fl-Egittu fl-20 ta' Ottubru 1998, u liema zwieg sussegwentement gie registrat hawn MBta, u minn din l-ghaqda twieldet tifla, l-minuri Samira B C.

2. Illi l-partijiet, jew min minnhom, taw il-kunsens taghhom ghBl-kuntratt taz-zwieg bl-eskluzzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjBi, jew ohrajn tB-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghBl-att taz-zwieg, izda ghamlu dan bi skop unikament qarrieqi kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tB-kawza.

3. Illi l-kunsens tB-partijiet, jew min minnhom, ghB dan iz-zwieg kien vizzjat b' difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga taghhom u jew b' anomBija psikologika serja li jaghmilha impossibli ghBl-istess partijiet, jew min minnhom, li jaqdu l-obbligazzjonijiet essenzjBi taz-zwieg.

GhBdaqstant, l-esponenti umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. Tiddeciedi u tiddikjara ghar-ragunijiet premessi li z-zwieg bejn il-partijiet huwa null u bla effett ghBl-finijiet u effetti kollha tB-Ligi.

Bl-ispejjez kontra l-intimat ngunt ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata li biha l-konvenut, issolleva fl-ewwel lok l-eccezzjoni li hu mhuwiex il-legittimu kontradittur stante li n-numru tB-karta ta' l-identita' tieghu mhijiex 0021046[A], imma 0063602[L] ; u fit-tieni lok jghid li huwa jaqbel li z-zwieg huwa null, izda ghar-ragunijiet unikament imputabbli lill-attrici fit-termini tB-paragrafu [f] in kwantu l-kunsens taghha nghata "bl-eskluzzjoni pozittiva ta' l-elementi essenzjBi taz-zwieg, partikolarment, izda mhux biss, il-fedelta' ta' bejn il-konjugi."[1] u cahad dak attribwit lilu fir-rikors promotur ;

Rat verbB registrat fl-udjenza tB-11 ta' Gunju 2009 li permezz tieghu l-partijiet iddikjaraw li l-provi mismugha u migjuba fil-kawza 120/06NC fl-istess ismijiet, ghandhom jitqiesu li ngabru fil-kawza odjerna ;

Rat l-atti kollha tB-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati ;

Semghet ix-xhieda bil-gurament ;

Ikkunsidrat;

**L-Azzjoni**

[1] Fol.16

Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob minn din il-qorti dikjarazzjoni gudizzjBi fis-sens li z-zwieg taghha kuntrattat mB-konvenut fl-20 ta' Ottubru 1998 huwa null fil-ligi, stante li l-kunsens tB-partijiet kien vizzjat fit-termini tB-paragrafi [d] u [f] ta' l-artikolu 19[1] tB-Kap.255 tB-Ligijiet ta' MBta.

Minn naha tieghu l-konvenut jattribwixxi n-nullita' taz-zwieg unikament lill-attrici fit-termini tB-paragrafu [f], fuq indikat;

**Il-Fatti**

Illi l-Qorti semghet liz-zewg partijiet jiddeponu, u hija propensa li tikkunsidera l-verzjoni tB-fatti kif moghtija mill-attrici, bhBa aktar konformi mB-verita' mill-verzjoni moghtija mill-konvenut.

Illi mill-provi jirrizulta li l-attrici, cittadina MBtija, izzewget lill-konvenut, Blura cittadin Sirjan, meta Blura hi kellha 21 sena u l-konvenut kellu 25 sena u wara li kienu ilhom jafu lil xulxin circa hames xhur. Minn dan iz-zwieg twieldet tifla fl-14 ta' Mejju 2001. Wara konvivenza matrimonjBi turbolenti ta' circa seba' [7] snin il-partijiet isseparaw de facto.

Jirrizulta pacifiku li, ghBkemm meta ltaqghu l-partijiet kienu ftehemu li jizzewgu fi zmien sentejn, izda wara hames xhur huma kienu kostretti li jizzewgu peress li l-konvenut kien diportat minn MBta fejn kien qieghed illegBment. F' dawn il-hames xhur l-attrici kienet tiffrekwentah fil-habs.

Wara r-rilaxx tB-konvenut mill-habs, u d-deportazzjoni tieghu, l-attrici telghet l-Egittu sabiex ikun jistghu jizzewgu; u fil-fatt dawn izzewgu fl-20 ta' Ottubru 1998 kif fuq indikat. Sussegwentement dawn nizlu MBta fejn bdew il-konvivenza matrimonjBi. InizjBment huma kienu joqghod go post mikri f' Birzebbugia, izda sussegwentement huma xtraw dar Birkirkara.

L-attrici tispjega li fl-ewwel sena u nofs tB-konvivenza huma kienu kuntenti ; izda meta harget tqila, bdew il-

problemi, fis-sens li zewgha beda jsiefer aktar spiss lejn is-Sirja, u f' okkazzjoni minnhom dam barra xaharejn u nofs.

Wara t-twelid tat-tifla huwa beda jaghmel pressjoni fuq l-attrici, sabiex jitilghu s-Sirja, izda din kienet konsistentement tirrifjuta li titla' hemm bit-tifla peress li kellha l-biza' li jzommilha t-tifla hemm. Konsegwentement ir-relazzjoni ta' bejn il-partijiet hzienet hafna, u l-attrici eventwBment cediet ghBl-pressjoni ta' zewgha u marret mieghu bit-tifla s-Sirja. F' dan iz-zmien it-tifla kellha circa tlett snin.

L-attrici tghid li, wara ftit taz-zmien li konna ilna s-Sirja, huwa beda jerfa' jdejh fuqha u kien qBlha li sakemm iddum f' pajjizju hija kellha toqghod ghB dak li kien jghid hu. Rizultat tB-komportament abuziv tB-konvenut fil-konfront taghha, hija eventwBment accettat li titlaq mis-Sirja, fejn kienet ilha tlett xhur, u tirritorna MBta bit-tifla, izda l-konvenut kien impediha milli tiehu lit-tifla maghha, u qBlha li dina ma kinitx ser tohrog mis-Sirja qabel ma taghlaq 18-il sena. Tghid ukoll, li l-konvenut qBlha li l-viza taghha kienet waslet biex tiskadi u li hu ma setghax igeddidha peress li z-zwieg taghhom ma' kienx registrat fis-Sirja. GhBhekk hi kellha titlaq mis-Sirja, wara tlett xhur, u tigi lura MBta minghajr it-tifla, bil-hsieb li terga' tmur lura biex iggib it-tifla.

EventwBment l-attrici marret is-Sirja, u, ad insaputa tB-konvenut, u bl-ghajnuna ta' persuna ohra, gabet it-tifla lura MBta li sa dak iz-zmien kienet akkwistat il-passaport MBti.

Sussegwentement, wara li ghaddha z-zmien, il-konvenut gie lura MBta sabiex izomm kuntatt dirett ma' bintu.

L-attrici ssemmi wkoll li l-konvenut kellu mara ohra fis-Sirja li huwa kien izzewweg fl-1 ta' Jannar 2001, u pprezentat kopji ta' dokumenti li pero' gew kontestati mill-konvenut.

Illi minn naha tieghu l-konvenut jghid li meta hu kien il-habs f' MBta "Jiena kont ipproponejtilha li tizzewwigni, u ghidtilha, jekk trid tizzewwigni, jiena kont ippreparat li nizzewweg u nigi MBta."[2] Fil-fatt hekk sar, u l-partijiet gew MBta biex jabitaw hawnhekk.

EventwBment fis-sena 2005 huwa kien hajjarha sabiex titla' s-Sirja sabiex tiltaqa' mB-familja tieghu, u l-attrici kienet accettat li titla' bit-tifla, izda "mhux li nohodha hemmhekk ghB kollox."[3] Wara tlett xhur l-attrici riedet tinzel MBta bit-tifla, izda hu kien irrifjuta li jhBli lit-tifla titlaq sakemm taghlaq it-18-il sena. Jghid li hu ried li t-tifla "Tibqa' s-Sirja biex titghBlem bl-Gharbi taqra u tikteb, ghax dik it-tifla ghandi."[4] Huwa ried li t-tifla titrabba s-Sirja. Sussegwentement l-attrici nizlet MBta minghajr it-tifla taghha izda, wara xi zmien regghet telghet, u nonostante l-oggezzjoni tieghu, hija hadet it-tifla lura maghha bl-ghajnuna ta' terza persuna.

Il-konvenut jghid li meta gie lura MBta, huwa ra li l-attrici kienet qeda tohrog ma' ragel iehor.

Rigward id-dokumenti prezentati mill-attrici, huwa jghid li ma jafx jaqra; u aktar il-quddiem jghid li dawk kienu foloz, peress li mhuwiex minnu li huwa kien mizzewweg mara ohra fis-Sirja.

**Konsiderazzjonijiet tB-Qorti**

Il-Qorti tirrileva li z-zwieg kif koncepti fil-ligi MBtija huwa unjoni bejn mara u ragel bazata fuq il-konvivenza diretta lejn il-benessere reciproku, il-prokreazzjoni ta' l-ulied u t-trobbija taghhom. Fl-esekuzzjoni tB-obbligi matrimonjBi taghhom, il-partijiet ghandhom jaghtu lilhom infushom fit-totBita' taghhom sabiex tigi stabbilita bejniethom 'a community of life and love.'

Fil-meritu jigi osservat li mill-provi jirrizulta car ghB din il-Qorti li, matul il-konvivenza matrimonjBi, l-konvenut wera mmatura affettiva fil-konfront ta' l-attrici, Blura martu, u

---

[2] Fol.52
[3] Fol.54
[4] Fol.56

insensittivita' qawwija ghBl-bzonnijiet taghha u d-drittijiet taghha fl-unjoni matrimonjBi. Dan huwa evidenzjat mill-fatt li, ghBkemm, meta kien il-habs, hu kien ta lill-attrici x' tifhem li, jekk taccetta li tizzewgu, hu kien lest li jghix il-hajja konjugBi maghha f' MBta, il-provi juri li hu qarraq biha, ghax meta twieldet it-tarbija huwa mmanifesta l-intenzjoni tieghu li din titrabba fis-Sirja sakemm taghlaq it-tmintax, u gie jaqa' u jqum mill-oggezzjoni ta' martu u d-dwejjaq u l-imrar li din id-decizjoni unilaterBi tieghu kienet ikkawzatilha. Huwa kien ippreparat li anke jissepara lil martu minn mat-tifla basta tghaddi tieghu. Huwa baqa' jsostni din ix-xewqa tieghu anke fuq il-pedana tax-xhieda.

Huwa kien heba minnha din l-intenzjoni tieghu, kemm qabel iz-zwieg, kif ukoll wara z-zwieg, sakemm twieldet it-tarbija. GhBhekk, kuntrarjament ghB dak li jghid l-konvenut fit-tieni paragrafu tar-risposta tieghu, kemm qabel iz-zwieg, kif ukoll fil-mument tB-ghoti tB-kunsens matrimonjBi, huwa kien inganna lill-attrici fis-sens li kien lest li eventwBment jhassar il-konvivenza matrimonjBi basta li bintu titrabba gewwa s-Sirja.

Illi fil-kwadru premess il-Qorti tirravviza fil-konfront tB-konvenut l-caput nullitatis kontemplat fl-ewwel parti tB-paragrafu [d] ta' l-artikolu precitat, stante li l-konvenut wera mmaturita' affettiva fil-konfront ta' martu, u li, sa mill-mument tB-ghoti tB-kunsens tieghu, huwa kien inkapaci li jassumi l-obbligu matrimonjBi tieghu li jghix ma' l-attrici, Blura martu, f' unjoni bazata fuq il-benessere reciproku u diretta biex tigi stabbilita bejn il-partijiet komunjoni ta' hajja u mhabba. L-egoizmu qawwi tieghu kien ta' ostakolu serju ghB dan.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tB-fehema li t-tBba attrici hija gustifikata fil-fatt, u fid-dritt fit-termini ta' l-artikolu 19[1][d] tB-Kap.255 u timmerita li tigi milqugha.

Minn naha ta' l-attrici din il-Qorti ma tirravviza l-ebda wiehed mill-*capita nullitatis* indikati fir-rikors promotur, b' mod partikolari ma jirrizultax provat li fil-mument tB-ghoti tB-kunsens matrimonjBi hija kienet eskludiet l-obbligu tB-fedelta'; izda ma tistax ma tosservax li l-gwaj kollu li

ghaddiet, u ghadda ghaddejja, minnu l-attrici f' dan iz-zwieg huwa wkoll rizultat tan-nuqqas da parti taghha li tirrifletti sewwa meta hadet il-pass taz-zwieg ma' persuna b' kultura differenti, u tad-decizjoni affrettata li hi hadet meta accettat il-proposta taz-zwieg tB-konvenut; multo magis, meta dak iz-zmien il-konvenut kien qieghed il-habs bil-ghan li jigi diportat barra minn MBta.

Rigward l-ewwel eccezzjoni preliminari, il-Qorti tosserva li l-konvenut ma baqax jinsisti fuq din l-eccezzjoni; u inoltre mill-provi jrrizulta pacifiku li l-konvenut f' din il-kawza, huwa verament D B C li zzewweg lill-attrici. GhBhekk din l-eccezzjoni hija nfondata.

**Decide**

GhB dawn il-motivi tiddeciedi billi, filwaqt li tirrespingi l-eccezzjonijiet tB-konvenut, tilqa' t-tBba attrici u tiddikjara null u bla effett fil-ligi z-zwieg kuntrattat bejn il-partijiet fl-20 ta' Ottubru 1998.

L-ispejjez kollha jithBlsu kollha mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------